# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Nru: 221/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Aleksander Marinkovich**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Aleksander Marinkovic, detentur tal-passaport Serb bin-numru 010630983 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Mejju, 2014 bejn it-tlieta u l-erbgha ta' filghodu (03:00am-04:00am) f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti [ *recte:* offizi] ta' natura gravi fil-gisem ta' Clayton Grech;
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi

fuq il-persuna ta' Mario Farrugia u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Mario Farrugia u Ingrid Galea;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha sehem fi glieda accidentali u saru offizi fuq il-persuna ta' Clayton Grech, Mario Farrugia u Ingrid Galea;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel omicidju jew offiza fuq il-persuna ta' Clayton Grech, Mario Farrugia u Ingrid Galea.

6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Clayton Grech, Mario Farrugia u Ingrid Galea.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u cioe' Clayton Grech, Mario Farrugia u Ingrid Galea jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-protezzjoni tal-persuni lezi jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li jikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' April, 2016 li biha wara li rat l-artikoli 214, 215, 218, 41(1)(a), 221, 338(dd), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-

konfront tieghu u ikkundannatu tnax (12)-il xahar prigunerija. Stante li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni li taghhom l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet. B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni personali ghal zmien tnax (12)- il xahar millum taht penali ta' hames mitt ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Clayton Grech, Mario Farrugia u Ingrid Galea. B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' sitt mija sitta u sittin Ewro u erbgha u erbghin ewro centezmi (€666.44) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni u tikkonfermaha ukoll in kwantu l-astensjoni dwar ir-raba' u l-hames imputazzjoni, u tirriforma l-piena skond il-ligi, jew, alternattivament fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija bhal ma ghamlet l-Ewwel Qorti jew b'xi mod iehor, tirriformaha in kwantu ghal piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti biss dwar is-sejbien ta' htija fl-**ewwel**, it-**tieni** u t-**tielet** imputazzjoni u ddikjara li mhux qed jappella ghar-rigward tal-imputazzjonijiet numri erbgha, hamsa [ li minnhom il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghhom stante li kienu imputazzjonijiet alternattivi] u s-sitt imputazzjoni fejn instabet htija dwarha;

2. Dwar l-imputazzjonijiet numri 1, 2 u 3, l-appellant iressaq erba' aggravji bl-ewwel wiehed dirett lejn il-kwerela tal-parti civili billi jitlob li tkun konfermata ukoll f'dan l-istadju kwantu it-tielet imputazzjoni. Fit-tieni gravam, l-appellant jallega apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti kif ukoll li din, skond it-tielet aggravju, skartat il-linji difensjonali tieghu. L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena kominata;

3. Quddiem din il-Qorti, l-appellant ma talabx lill-parti civili jekk kienux qieghdin jikkonfermaw jew le l-kwerela taghhom kwantu t-tielet imputazzjoni u dan ghall-fini tal-ewwel aggravju. Jekk dan qatt kien mehtieg f'dan l-istadju tal-proceduri, l-appellant jitqies li rrinunzja ghal-dan ir-rekwizit minnu pretiz meta ma hax l-okkazzjoni biex jaghmel din id-domanda lill-istess parti civili. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

4. Fit-tieni gravam, allura dwar l-apprezzament tal-provi, l-appellant qabel xejn jaghmel is-segwenti kwalifika: *"Ai fini ta' kjarifika tal-hsieb, l-esponenti bhal ma ddikjara quddiem il-Qorti*

*tal-Magistrati sejjer jerga' jissottometti quddiem dina l-Onorabbli Qorti, li huwa kien involut fl-incident mertu tal-proceduri, b'dana pero' li din ma ghandhiex titqies bhala xi amminssjoni da parti tieghu ta' xi htija".* L-appellant inoltre jirritjeni illi l-prova regina ta' dak li gara huwa registrat mis-*security cameras* fejn sehhet il-glieda u li kieku l-ewwel Qorti rat il-*footage* kollu, ma kienitx hija stess tiddikjara li l-piena imposta fuq l-esponenti ghandha tkun wahda effettiva minhabba "*l-fatt li l-imputat wara li hareg minn-night club in dizamina rega' pprova jidhol u jidhrilha li l-uzu ta' tali vjolenza f'post ta' divertiment u ghal ragunijiet futili timmerita l-imposizzjoni ta' piena karcerarja effettiva";*

5. Dan l-aggravju jirrikjedi ezami u apprezzament approfondit mill-gdid tal-provi mhux sabiex il-kaz kontra l-appellant ikun deciz mill-gdid izda sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tiddetermina jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Tajjeb ghalhekk li jkunu sintetizzati l-fatti ewlenin ta' dan il-kaz u wara ezami akkurat tal-provi jemergi illi dan il-kaz jitratta dwar glieda li sehhet fis-sieghat bikrin tat-2 ta' Mejju 2014 ftit wara l-4.00am fil-Move Club, Paceville, San Giljan, anke jekk il-*footage* juri l-hin tat 3.00 am et seq. Clayton Grech, it-tfajla tieghu Ingrid Galea u l-habib tieghu Mario Farrugia kienu f'dan l-istabbiliment mal-bar meta l-imputat avvicina lill-Ingrid Galea li kienet qed tisfen ftit boghod minnu u deher jaqbdilha idejha aktar minn darba. Clayton Grech kien urtat dwar din il-haga u ghalhekk bezaq xi ftit ilma li kien qed jixrob fid-direzzjoni taghhom liema ilma laqat lill-imputat u minn hemm svolgiet glieda vjolenti bil-konsegwenzi li Clayton Grech, Ingrid Galea u Mario Farrugia soffrew offizi fuq il-persuna taghhom b'dawk subiti minnn Grech klassifikati bhala ta' natura gravi;

6. L-appellant iressaq l-argument illi irrispettivament minn dak kollu li jghidu x-xhieda, l-incident kollu kien registrat fuq is-*security cameras* li hemm fil-fond li huwa l-prova regina. Huwa jelenka hdax-il raguni ghaliex "tali *statement* u kalibrazzjoni ta' piena huma hziena". Bi "statement", din il-Qorti tifhem id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li wara li rat il-*footage* l-piena ghandha tkun wahda effettiva "*minhabba l-fatt li l-imputat wara li hareg minn-night club in dizamina rega' pprova jidhol u jidhrilha li l-uzu ta' tali vjolenza f'post ta' divertiment u ghal ragunijiet futili timmerita l-imposizzjoni ta' piena karcerarja effettiva*";

7. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha d-deposizzjonijiet in atti u qabblithom mal-*footage* tal-*cameras* kollha li huma elenkati f'CD dok TM1 a fol 110 tal-atti processwali. Wara dan l-ezami, din il-Qorti hi xi ftit jew wisq perplessa b'dan l-aggravju tal-appellant ghaliex l-incident sehh proprju bl-oppost ta' kif qed jipprospetta hu. Minn dan huwa konfermat bla ebda dubju li l-ewwel Qorti rat u ezaminat sewwa dan il-*footage* u ma tistax tifhem kif l-appellant qed jaghmel din l-allegazzjoni. Dak li jirrizulta hu li t-tfajla tal-Clayton Grech kienet qed ddur u tisfen verament xi zewg metri 'l boghod u l-imputat jidher vicin taghha meta f'salt wiehed avvicina lill-Clayton u qallu xi haga verament vicin tieghu, pjuttost minhabba l-livell tal-muzika dak il-hin, evidentement, b'manjiera ostili. Il-moviment tal-partijiet jidher li huwa wiehed ta' theddid u hin minnhom l-imputat jkun irid jhebb ghall-Grech, jaghmel sinjal lil xi hadd b'idejh sabiex ifittex jew ifittxu jigu u f'hakka t'ghajn tfaccaw persuni ohra meta l-imputat dar minn wara kolonna u gie fejn Grech u beda jtih kemm jiflah flimkien mal-persuni l-ohra li tfaccaw fuq struzzjoni tal-istess imputat. Il-glieda li ssoktat, li hi wahda tat-twerwir u misthija, tidher li tikkonsisti f'dawn il-grupp ta' zghazagh li jakkumpanjaw lill-imputat jaghtu kemm jifilhu lill-persuni sokkombenti meta anke waqt li wiehed minnhom kien mal-art

baqa' jaqla' f'kull parti ta' gismu. Meta Clayton Grech qam mill-art, ma setghax izomm sod fuq riglejh u rega waqa';

8. Din il-Qorti ukoll ma tistax tifhem ghaliex l-imputat jghid li mhux minnu li wara l-incident prova jerga jidhol fl-istabbiliment. Din il-Qorti, bhal dik l-ewwel grad, rat illi wara l-incident u wara li kien ikkalma kollox u wara li l-imputat kien barra mill-istabiliment fit-triq, u bl-istabbiliment imsakkar, rega avvicina u kien rifjutat milli jidhol u mar faccata, flimkien ma' tnejn ohra, fejn qaghdu ghal-ammont ta' hin meta jidhru jergghu javvicinaw il-bieb fejn l-imputat ghamel hin twil isabbat, jitkellem b'dehra aggressiva lil min kien fuq gewwa, jaghti bil-ponn u b'rasu fuq il-bieb;

9. Issa, f'dan l-aggravju, l-appellant jikkonkludi hekk: "*Ghaldaqstant l-esponenti huwa tal-fehema li l-Ewwel Qorti naqset milli tara l-*footage *kollu u li dak il-*footage *li hija rat ma xtarritux sewwa fid-dawl tal-linji difensjonali mressqa. Dan ifisser li din l-Onorabbli Qorti, f'dan l-istadju qeghda tigi mitluba sabiex terga tanalizza l-provi kollha, u li meta taghmel hekk, fl-umli fehema tal-esponenti, ser jirrizultalha li effettivament l-Ewwel Qorti legalment u ragjonevolment ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi*". Dak li talab l-imputat sar minn din il-Qorti li tista' tikkonkludi biss li dan l-ilment huwa wiehed frivolu ghall-ahhar u bl-ezami taghha tista' biss tikkonkludi li l-ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat u preciz ghall-ahhar tal-provi kollha u li ghalhekk il-konkluzzjoni taghha kienet wahda sia legali kif ukoll ragjonata. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

10. Fit-tielet aggravju, l-appellant jallega li l-ewwel Qorti skartat kompletament il-linji difensjonali tieghu tant li ma semmiet ebda wahda minnhom fis-sentenza taghha. Huwa jelenka il-linji difensjonali tieghu konsistenti fil-kwezit dwar min ikkawza l-hsara lill-parti civili. Huwa donnu jimplika illi ma kienx pruvat min minn dawk in-nies li ccirkondaw lill-parti civili

kien responsabbli ghall-offizi minnhom subiti. L-ewwel Qorti ikkonkludiet li kien l-imputat responsabbli ghal-dan kollu u b'hekk ma jistax certament jinghad li ma ttehidx kont tal-linja difensjonali tal-appellant. L-appellant kien partecipi fi glieda u l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien l-imputat il-kawza tal-offizi. Dik id-decizjoni hi radikata mill-konvinciment taghha wara li semghet lill-parti civili u rat il-*footage* esebit. L-ewwel Qorti kienet korretta f'dan ir-rigward u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

11. It-tieni parti ta' dan l-aggravju, b'mod sussidjarju, jindirizza sia l-element tal-provokazzjoni da parti ta' Clayton Grech versu l-appellant kif ukoll dak ta' legittima difesa u jirritjeni li kien Clayton Grech li provoka lill-appellant meta imbuttah wara li avvicinah l-istess appellant u li kien "l-agir malinn femminili ta' Ingrid Galea li beda kollox u l-agir kiesah ta' Clayton li ghaddaq kollox, mhux biss mill-mument li bezaq l-ilma ghal fuq l-esponenti, izda mill-mument li refa' idejh fuq l-esponenti meta dan mar sabiex jkompli jkellmu". Huwa minnu illi l-ewwel Qorti ma enoltrat f'ebda diskussjoni dwar l-attenwanti tal-provokazzjoni wisq anqas tal-legittima difesa. Ezaminata, izda, t-traskrizzjoni tal-abbli difensur tal-appellant dakinhar, ma tirrizulta ebda linja difensjonali tal-attenwanti tal-provokazzjoni. Tirrizulta biss id-difiza tal-eccess tal-legittima difesa kif ser ikun citat aktar 'l isfel. Fit-traskrizzjoni a fol 216 id-difensur tal-appellant jghid: "*Marinkovich li ghamel proprju r-reazzjoni tieghu malli huwa gie mbuttat mill-kaxxa ta' sidru qeghdin nitkellmu biss fir-remm tal-legittima difesa" "Meta l-agir ta' Marinkovich meta effettivament kien involut f'din il-glieda konna qeghdin nitkellmu fir-remm ta' self-defence*". A fol 215: "... *ghandna l-filmat u allura legalment u fattwalment nemmen li l-klijent tieghi ma jistghax jinstab hati anke tenut kont tal-fatt illi f'kaz li hawnhekk jinstab hati anke tenut kont tal-fatt illi f'kaz li hawnhekk mhux qeghdin nitkellmu in self defence izda qeghdin*

*nitkellmu fl-eccess tas-self defence nistieden lis-Sinjurija Tieghek tikkunsidra li l-eccess tas-self defence sehh b'rizultat ta' biza, hasda jew twerwir u immedjat tac-cirkostanzi u allura xorta nemmen li m'ghandux jinghata piena.*";

12. Lanqas minn ezami tat-traskrizzjonijet tax-xhieda ma jirrizultaw domandi in kontro-ezami intizi biex inissgu l-attenwanti tal-provokazzjoni. Frankament, l-uniku kontro-ezami li sar tal-parti civili kien ta' Mario Farrugia. Dak ta' Clayton Grech u Ingrid Galea kien u baqa' rizervat. L-appellant ghalhekk huwa zbaljat meta jghid li l-ewwel Qorti injorat ghall-kollox il-linja difensjonali tieghu tal-provokazzjoni u din il-Qorti *qua* Qorti ta' revizzjoni, ma tarax kif tista' issa f'dan l-istadju tinoltra f'kunsiderazzjonijiet dwar linji difensjonali li qatt ma kienu sollevati quddiem l-ewwel Qorti. Jekk l-appellant jistenna li kellha tkun l-ewwel Qorti li tissolleva hi stess l-attenwanti tal-provokazzjoni, allura huwa zbaljat;

13. Kif gia inghad ma tidher ebda diskussjoni mill-ewwel Qorti dwar il-legittima difesa. Ma jfissirx b'daqshekk li l-ewwel Qorti ma haditx l-istess in konsiderazzjoni u ghalkemm kien ikun aktar desiderabbli li sar hekk, id-decizjoni taghha fis-sejbien ta' htija tfisser li eskludiet li kien hemm xi forma ta' eccess ta' legittima difesa. Mandanakollu, u ghas-serhan tal-mohh, din il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra din il-linja difensjonali;

14. B'mod preliminari irid jinghad illi huwa pjuttost difficli li Qorti tikkontempla l-attenwanti tal-legittima difesa meta min jallega dan ma joffrix id-deposizzjoni tieghu biex jghid kif hassu hekk mhedded. Dan bl-ebda mod ma ghandu jirrifletti fuq l-imputat li ghandu d-dritt sagrosant tas-skiet sancit mill-Kostituzzjoni, l-Kodici Kriminali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u li tali dritt ma jkun qatt inferit minnu xi haga kontra tieghu. Fiz-zewg stqarrijiet minnu moghtija, l-appellant kien ghazel li ma jwiegibx ghad-domandi waqt l-

interrogatorju. Anke hawn, bl-applikazzjoni tal-istess kawtela li dan ma ghandu qatt u qatt jimplika xi nuqqas tal-imputat, qed jkun osservat biss u purament bl-iskop li din il-Qorti m'ghandhiex il-beneficcju li tirreferi ghal dak li l-imputat seta jghid kif kellu jiddefendi ruhu min din l-agressjoni. Ghalhekk in mankanza ta' tali deposizzjoni, ir-ricerka trid issir f'dawk il-provi u c-cirkostanzi kollha li jghamlu l-atti processwali fosthom allura id-deposizzjonijiet u l-kontro-ezamijiet u l-*footage* tas-*security cameras.*;

15. Mid-deposizzjonijiet kollha, kien Mario Farrugia li kien mistoqsi in kontro-ezami u wiegeb hekk:

| | |
|---|---|
| *Dif:* | *X'hin sa kemm qed jigri dan kollu li emmejtilna lil imputat gejt fl-idejn mieghu?* |
| *Xhud:* | *Ija* |
| *Dif:* | *gejt fl-idejn mieghu. Tista' tinforma lil Qorti x'ghamiltlu?* |
| *Xhud:* | *Mhux tipprova tiddefendi ruhek* |
| *Dif:* | *Le sekonds wahda. Meta qed tghid tiddefendi ruhek, spjega lil qorti kif iddefendejt ruhek?* |
| *Xhud:* | *Jien mort uh biex nghin lil Clayton uh* |
| *Dif:* | *All right kif?* |
| *Parte Civile:* | *X'ghamilt qed isaqsik l-Avukat* |
| *Xhud:* | *Heq jien mort imbaghad u dhalt maghhom uh, go fihom* |
| *Dif:* | *Ija all right. X'ghamilt?* |
| *Xhud:* | *Heqq mhux pruvajt nghid [nghin] lil Clayton* |
| *Dif:* | *Tigbed lil Clayton 'il barra, timbotta lil ohrajn minn fuqhom, taghti bil-ponn, taghti bis-sieq? X'ghamilt?* |
| *Xhud:* | *le imbaghad mort hekk hu qisek fil-glieda, dhalt fil-glieda* |
| *Dif:* | *Bdejt taghti bil-ponn biex tifred mhux hekk?* |

*Xhud:* *ehe*

*Dif:* *Tajt apparti bil-ponn, tajt bis-sieq?*

*Xhud:* *le*

*Dif:* *Ma tajtx bis-sieq. Tajt xi head but lil xi hadd?*

*Xhud:* *le*

*Dif:* *Head but daqqa ta' ras*

*Xhud:* *Le, le*

*Dif:* *F'xi hin xi tfiegh ta' ilma rajt inti?*

*Xhud:* *le*

*Dif:* *Fl-ebda hin*

*Xhud:* *Ma rajt lil hadd jitfa l-ilma.*

16. L-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi "Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed inniffsu jew ta' haddiehor". Huwa akkolt fid-dottrina taghna illi sabiex tkun ta' success il-linja difensjonali tal-legittima difiza, jehtieg li jirrizultaw flimkien is-segwenti tlett elementi, igifieri li jkun hemm perikolu attwali u assolut li jkun (1) ingust; (2) gravi u (3) inevitabbli. Stabbilit li jkunu jezistu dawn il-minacji, jehtieg imbaghad li jkun ezaminat il-proporzjonalita' bejn dik l-aggressjoni u r-rejazzjoni tal-persuna minaccjata;

17. Issa minn dak li rat il-Qorti, l-appellant rreagixxa ghal dik id-daqsxejn ilma li bezaqlu l-parte civile meta mar ikellmu f'widnejh minhabba l-volum gholi tal-muzika. Haga ta' stmerrija u agir baxx u incivili ghall-ahhar minn naha tal-parte civili anke jekk kien dirett lejn it-tfajla tieghu stess. Intqal x'intqal bejn il-partijiet, l-imputat jidher immedjatament jirreagixxi b'mod vjolenti tant li nies estranei dehru jintervjenu immedjatament in difesa tal-parti civili. L-appellant, invece, bil-kalma kollha ghamel sinjal lil shabu biex jassistu, meta allura kollox seta'

waqaf hemm u kulhadd mar ghal-rasu, u l-appellant dar minn wara l-kolonna, gie fejn il-parti civili u hemm zvolgiet rissa liema bhala bil-parti civili jaqla' daqqiet b'mod sfrenat sakemm l-aggressuri deheru li kienu ghamlu bizzejjed, almenu ghal dak il-mument. Minn hemm, jidhru flimkien mal-imputat appellant hiergin, kif jghidu bl-ilsien Taljan, *a loro agio* qishom rebhu xi battalja tal-gladjaturi. Altru che hawn si tratta ta' legittima difeza ghaliex l-ebda wiehed mill-elementi hawn fuq indikati ma jippresta raguni li jkun investigat;

18. Jekk id-decizzjoni tal-ewwel Qorti li ma tilqax t-tezi tad-difiza legittima kienet radikata minn dan il-hsieb, anke jekk mhux mnizzla iswed fuq l-abjad, allura kienet korretta ghaliex din il-Qorti mhix konvinta lanqas sal-livell tal-probabbli li kien hemm agir tali tal-parti civili konsistenti f'aggressjoni li kienet tehtieg r-reazzjoni daqstant vjolenti tal-appellant. Min jagixxi b'dan il-mod, jara x'jaghmel u jahrab mill-aggressjoni u mhux jibqa' jaghti sakemm jinnewtralizza lis-suggett passiv b'tali mod li ma fadallux nifs aktar biex jaqla' u jerga jara x'jaghmel biex jittanta jidhol fl-istabbiliment biex jerga jkompli r-rissa wara li ssakkar barra.

19. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun michud;

20. L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena kominata mill-ewwel Qorti u "*jishaq li tenut kont tal-fatt li tul il-proceduri huwa qatt ma xellef difrejh mal-ligi, tenut kont li huwa sofra griehi sostanzjali fl-incident in dizamina, tenut kont tal-fatt li l-esponenti issa ghandu familja u hajja u mpjieg stabbli, ghalfejn ma ghandux huwa jinghata a window of opportunity u l-piena fuqu mposta, fl-eventwalita' li dina l-Qorti tikkonferma l-htija tieghu, tigi mibdula fis-sens li ma tibqax karcerarja effettiva?*";

21. Jibda biex jinghad u jkun mfakkar il-monitu wisq drabi ritenut li fin-normalita', din il-Qorti ma tiddisturbax id-

diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li din ma kienitx fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas jew aktar minn dik effettivament erogata. Hija l-ewwel Qorti li ghexet il-process, rat il-komportament tal-partijiet, kkalibrat il-gravita' u s-serjeta' tal-fatti u hadet kont tac-cirkostanzi kollha qabel ma erogat il-piena u huwa proprju ghalhekk li m'ghandiex tkun din il-Qorti li tirrimpjazzja din id-diskrezzjoni hlief ghal ragunijiet eccezzjonali;

22. Il-Qorti hadet kont tal-kliem u tattika xejn felici tal-appellant meta jghid "*Certament l-esponenti ma jridx jargumenta li huwa inghata piena ta' prigunerija effettiva ghaliex huwa barrani*" u " *Huwa proprju ghalhekk li l-esponenti jemmen li sabiex din il-Qorti tgharaf kif l-esponenti ma huwiex stereotype Serbjan gewwa Malta, bhal ma kapaci hasbet l-Ewwel Onorabbli Qorti, jenhtieg li jigi redatt Social Inquiry Report fuq l-esponenti*". Din il-Qorti thoss li dawn huma kummenti kapriccuzi ghall-ahhar u jirrazzentaw il-fierah fil-livell tac-censurabbli. Inghad kemm il-darba li l-paraguni huma odjuzi u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tenoltra f'rassenja ta' sentenzi fuq mertu konsimili fejn l-hatja inghataw piena karcerarja. Jinghad biss illi vjolenza bhal dik mertu ta' dan il-kaz f'post ta' divertiment meta setghet kienet evitata u minflok, wara li kkalma kollox, l-appellant xorta wahda ried jerga jidhol biex ikompli fejn halla, timmerita li tkun punita b'mod sever;

23. Fis-sottomisjonijiet orali tieghu l-appellant jikkoncedi illi l-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u t-terminu ta' sena prigunerija huwa aktar lejn in-naha l-baxxa tal-iskala, pero jerga' jishaq fuq l-element tal-provokazzjoni u li ma kienx hu li ggenera l-argument u li l-aktar offiza gravi kienet

lacerazzjoni fil-wicc u mhux il-kaz fejn l-parti civili sofra xi sfigurazjoni jew ghama;

24. Il-Qorti hasbet fit-tul ukoll dwar dan l-aggravju bic-cirkostanzi kollha li jiccirkondawh fosthom il-*footage* tal-glieda brutali u futili li sehhet f'dak il-lejl u tqis illi d-decizzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena kienet wahda kalibrata sew u proporzjonata u frankament ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tirriformaha;

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu.